MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2012

Numru 1204/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs.**

**Shaun Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Shaun Caruana** ta' sbatax (17) il-sena, iben Raymond u Maryanne neé Zerafa, imwieled Pieta, nhar it-8 t'April 1995, residenti gewwa, 182, Dar Niki Cassar, Valletta, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 157695M, akkuzat talli:

Nhar il-15 ta' Novembru 2012, ghal habta tal-hdax u nofs ta' filghodu (11:30hrs), gewwa Triq l-Isqof Mauro

Caruana, Floriana, ikkommetta serq minn gewwa vettura bin-numru ta’ registrazzjoni DAE 692 ghad-dannu ta’ Raymond Sciberras, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

Bi ksur tal-Probation a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn kien gie misjub hati b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu.

Rat id-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens (Dok. “DZ 1”) tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, u l-atti processwali kollha.

Rat li waqt is-seduta tas-16 ta’ Novembru 2012, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: fuq naha wahda, l-eta’ tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u, fuq in-naha l-ohra, il-fedina penali tal-imputat u kif ukoll il-fatt li l-imputat kiser ordni ta’ *probation*. In segwitu ta’ dan, il-Qorti m’ghandhiex alternattiva hlief li timponi piena ta’ prigunerija fuq l-imputat b’tali mod li meta l-imputat jiskonta tali piena ta’ prigunerija huwa jkun ghadu taht ordni ta’ *probation* u b’hekk l-imputat ikun jista’ jirriforma l-hajja tieghu. La darba l-Qorti tista’ titratta ma’ l-imputat

b'mod differenti ghaz-zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, hija ser taghmel proprju hekk.

Ghaldaqstant, il-Qorti, fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, wara li rat Artikoli 37, 261(b), 261(g), 263(a), 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u ghar-ragunijiet fuq premessi, tiddeciedi rigward il-piena fil-konfront tieghu bis-segwenti mod:

- fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' prigunerija ta' disa' (9) xhur;

- fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni[1], il-Qorti, filwaqt li tikkonferma l-ordni ta' probation in kwistjoni, taghzel li ma titrattax mar-reati li taghhom l-imputat kien inghata l-ordni ta' *probation* a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] dik li tirrigwarda Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.